MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 689/2004

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**NMJ Co. Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm695.64 (sitt mija hamsa u disghin Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu) dovuti ghal servizzi telefonici.

Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata, baqghet ma pprezentatx risposta.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-2 ta’ Gunju 2005 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-27 ta’ Settembru 2005 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------